**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 643/2021**

***SAMMUT CONCRETE SUPPLIES LIMITED***

***vs.***

***STRONGHOLD CONSTRUCTION LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar żewġ talbiet imressqa minn Sammut Concrete Supplies Limited kontra l-kumpannija konvenuta;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**2 ta' Lulju, 2021**, il-kumpannija attriċi fissret li hija għandha tieħu s-somma ta' €40,036.13 mingħand il-kumpannija Stronghold Construction Limited għall-bejgħ bl-ingrossa ta' konkrit u materjal ieħor li jintuża fil-bini;

3. Billi skont il-kumpannija attriċi din is-somma ta' €40,036.13 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija attriċi, l-imsemmija Stronghold Construction Limited m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra din it-talba għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti biex:

> *«Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' erbgħin elf u sitta u tletin euro u tlettax-il ċenteżmu (€40,036.13) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata fuq kont kurrent illi s-soċjetà intimata għandha mas-soċjetà rikorrenti, marbut ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini, inkluż concrete, mibjugħa u kkonsenjati, bl-ingrossa, mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata fuq inkarigu tas-soċjetà intimata stess u dan skont ma' jirriżulta mill-istatement hawn anness (Dok. 'SCS 1');*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mill-31 ta' Marzu 2019 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà intimata li r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħha.»*

4. B'digriet kamerali mogħti fis-6 ta' Lulju, 2021, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-kumpannija konvenuta u tatha l-jedd li jekk trid tressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha tattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija attriċi, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti wissiet lill-kumpannija mħarrka li jekk hija ma tidhirx għas-smigħ, il-qorti kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Għad li l-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont l-**artikolu 187(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija għażlet li ma tressaq l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex tikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

6. Hekk ukoll wara li ġiet notifikata bir-rikors maħluf, l-imsemmija kumpannija konvenuta għażlet li ma tidhirx għas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2022 biex tgħarraf lill-qorti jekk hija għandhiex xi eċċezzjonijiet validi xi tressaq biex tikkontesta t-talba għall-ħlas imressqa mill-kumpannija attriċi;

***Fatti***

7. Matthew Sammut, rappreżentant tal-kumpannija attriċi (ara r-riżoluzzjoni tal-kumpannija attriċi f'paġna 9 tal-atti tal-kawża) stqarr fl-affidavit tiegħu (ara paġna 6 tal-atti), li bejn il-partijiet f'din il-kawża hemm kont kurrenti li għandhu x'jaqsam mal-bejgħ u l-kunsinna ta' materjal tal-bini, inkluż il-konkrit. Huwa jgħid li l-ammont sħiħ li l-kumpannija konvenuta fadlilha tħallas lill-kumpannija attriċi għad-diversi negozji ta' bejgħ li saru bejniethom jammonta għal €40,036.31;

8. Skont rendikont li ġie mehmuż mar-rikors maħluf, dan l-ammont huwa dovut għall-provvista ta' prodotti u servizzi mogħtija bejn il-31 ta' Marzu, 2019 u s-17 ta' Ġunju 2019 (ara paġna 5 tal-atti tal-kawża);

9. Matthew Sammut jaħlef fl-affidavit tiegħu li l-kumpannija konvenuta ġiet mitluba ħafna drabi biex tħallas djunha iżda dan il-ħlas baqa' ma sarx. Huwa jżid jaħlef ukoll li safejn jaf hu l-kumpannija konvenuta m'għandha l-ebda difiża xi tressaq biex ma tħallasx dan id-dejn;

***Konsiderazzjonijiet***

10. Il-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina) imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huma minnhom infushom ta'

natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

11. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005,

> «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

*12.* Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajbin x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis vs. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015 u ***Josephine Snoussi v. Carmel Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2022);

13. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda biż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina;

14. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet

tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

15. Kif ingħad fis-sentenza ***AIC Fortunato Said v. Joseph Gatt nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 1989, il-liġi tikkontempla tliet ċirkostanzi fejn skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-qorti għandha tilqa' t-talbiet attriċi mingħajr ma tagħmel smigħ: (i) dik fejn il-konvenut ma jidhirx u għalhekk jibqa' kontumaċi; (ii) dik fejn jidher u ma jopponix il-proċeduri tal-giljottina fuq il-bażi li dawn huma irregolari jew inapplikabbli; u (iii) dik fejn il-konvenut jopponi r-regolarità tal-proċeduri bla suċċess u jonqos li jissodisfa lill-qorti li huwa għandu difiża tajba fil-mertu jew li jġibilha fatti li fil-fehma tal-qorti huma biżżejjed biex jagħtih il-jedd li jopponi t-talbiet attriċi;

16. Fil-każ tagħna, skont riferta misjuba f'paġna 16A tal-atti, il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura tal-affissjoni fl-indirizz tar-rappreżentant legali u ġudizzjarju tagħha f'Pembroke, fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke u fl-Għassa tal-Pulizija ta' Pembroke, fil-jum tas-17 ta' Novembru, 2021. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret ukoll fit-8 ta' April, 2022 (ara paġna 29 tal-atti), filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali, *in-Nazzjon* u *The Malta Independent* saru nhar l-Erbgħa, 20 ta' April, 2022 (ara paġni 31 u 32 tal-atti);

17. Wara li saret il-proċedura tan-notifika skont l-**artikolu 187(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kumpannija konvenuta la ressqet nota biex tattakka r-regolarità tal-proċedura li trid tuża' l-kumpannija attriċi biex tinqata' din il-kawża; wisq anqas ma dehret għas-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2022 biex tipprova tikkonvinċi lill-qorti illi hija għandha difiża tajba biex ixxejjen it-talbiet attriċi;

18. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-kumpannija konvenuta, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-

talbiet tal-kumpannija attriċi, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

19. Dwar l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali dwar il-provvista ta' konkos u servizzi kkonsenjati bl-ingrossa. Minbarra dan, kif ingħad mill-Qort tal-Appell, fis-sentenza ***Paul Formosa v. Salvu Debono*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2001, in-negozju ta' kont kurrent jippresupponi żewġ kummerċjanti li qegħdin jagħmlu jew jagħtu servizzi reċiproċi lil xulxin;

20. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021). Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, persuna li twettaq attività ekonomika waħidha;

21. Skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew hija ta' 0,00 %. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

22. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

23. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**).

24. Fil-każ tagħna, il-qorti m'għandhiex tagħrif mill-atti tal-kawża jekk bejn il-partijiet kien hemm miftiehem xi terminu ta' żmien għall-ħlas tas-servizz. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas, il-qorti tqis li l-imgħax għandu jinħadem skont id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-kumpannija attriċi u b'hekk tikkundanna lill-kumpannija Stronghold Construction Limited tħallas lil Sammut Concrete Supplies Limited is-somma ta' €40,036.13, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont id-

dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu kollha kemm huma minn Stronghold Construction Limited.

___________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

___________________________

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**